**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 16 ta' Gunju, 2016

Rikors Guramentat numru : 98/2015 AL

A B

vs

C D B nee E u b'digriet tal-24 ta' Novembru 2015 l-Avukat Dr Simon Micallef Stafrace u l-PL Louisa Tufigno gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti C D B nee E u b'digriet tat-18 ta' Frar 2016 il-kuraturi deputati Dr Simon Micallef Stafrace u il-PL Louisa Tufigno gew estromessi mill-kawza

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

Illi l-esponenti kien izzewweg lil C D B nee` E nhar il-hamsa u ghoxrin (25) ta' Marzu tas-sena elfejn (25/3/2000) (Dok. A);

Illi matul il-hajja konjugali ta' bejniethom huma kienu dejjem jghixu l-Ingilterra u ma stabillewx il-hajja konjugali ta' bejniethom hawn Malta;

Illi minn dana z-zwieg ma twieldux tfal ;

Illi l-partijiet ghamlu skrittura fejn waslu ghal ftehim bonarju gewwa l-Ingilterra liema skrittura qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B ;

Illi wara l-gurnata hawn tal-iskrittura l-esponenti stabillixxa r-residenza tieghu hawn Malta u ma kien hemm l-ebda rikonciljazzjoni ma martu;

Illi m'hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xuxlin ;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet ;
2. Ghal kull buon fini tippronunzja x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ;
3. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Marzu, 2015;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom separati mit-30 ta' Jannar 2012 u illi ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.